KLR 43/V/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar 2009 fid-9.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membri Joseph Debrincat, Josef Schembri, Josephine Cassar, Marcell Tabone u Michel Buttiġieġ, u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-laqgħat KLR 41 u l-Kont. KLR 41.

**1. Mill-Minuti Kont. KLR 41**

1.1 Il-kunsillier M. Tabone ssuġġerixxa li jinxtara rigal żgħir lit-tfal li pparteċipaw mingħajr ħlas waqt l-attivita' ta' leljiet l-ewwel tas-sena. Il-membri qablu.

1.2 Il-membri qablu li jinxtraw għaxar kotba ta' l-awtur Rabti Joe Camilleri. Il-kotba jġibu l-isem ta' 'Fir-Rokna tas-Silenzju'. Dawn jintużaw għall-Jum il-Premjazzjoni li jsiru fl-iskejjel Rabtin.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 125 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni numru 125**

**Nitlob sabiex titranġa rampa imħarbta u ssir bil-*bricks*. Din tinsab bejn żewġ bankini ġodda fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.**

Il-membri qablu li jsir dan ix-xogħol peress li ma jitlobx spejjes kbar.

**3. Ġemellaġġ – Nichelino fl-Italja**

Id-delegazzjoni Rabtija ser titlaq fis-7 ta' Frar 2009 fejn tassisti għall-iffirmar ta'ġemellaġġ miż-żewġ Sindki tar-Rabat Robert Tabone u ta' Nichelino Giuseppe Catizone. L-iffirmar ser isir nhar il-Ħadd 8 ta' Frar 2009. Id-delegazzjoni hi ta' tmenin ruħ u ser iddum l-Italja sat-12 ta' Frar 2009.

## 4. Pjazza San Ġorġ

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett ta' Pjazza San Ġorġ tressaq waqt il-Bord Eżekuttiv tal-MEPA tal- 5 ta' Frar 2009 fejn ġew approvati €200,000 għall-finanzjament tal-proġett. Is-Sindku tenna li b'dawn il-fondi il-finanzjament tal-proġett ikun kopert sal-kisi tal-pjazza bil-granit. Hu ssuġġerixxa li dan il-Kunsill ilesti l-ewwel fażi. It-tieni fażi li tikkonsisti fid-dekorazzjoni tal-pjazza, bażikament id-dawl u l-funtana tal-bronż isiru meta l-Kunsill ikollu l-fondi għalihom. Il-membri qablu unanimament ma dan is-suġġeriment. Qablu wkoll li sadanittant xorta jinħarġu l-offerti tad-dawl u tal-funtana peress li fil-preżent għadhom għaddejjin diskussjonijiet sabiex jinġabru fondi għat-tieni fażi tal-proġett.

Is-Sindku għamel preżentazzjoni ta' kif qed jiġi suġġerit li jsir id-dawl fil-pajzza. Il-membri qablu ma dan ix-xogħol anke' minħabba l-fatt li ġie kkunsidrat li d-dawl ikun *energy saving*.

## 5. Riforma fit-Trasport Pubbliku

Is-Sindku għarraf lill-membri li ser issir riforma fit-trasport pubbliku. Hu ressaq il-materjal konness ma din ir-riforma. Wara li dawn ġew evalwati il-membri qablu li l-Kunsill iressaq dawn il-punti lill-Awtorita' dwar it-Trasport (ADT):-

- Il-Kunsill jaqbel mas-*circuit buses* u li jintużaw *buses* żgħar fil-lokalita'.
- Il-Kunsill jaqbel mar-rotta suġġerita.
- Għanda issir preżentazzjoni speċifika lill-Kunsill tar-Rabat.
- Jiġi mistoqsi kif ser tkun il-frekwenza tar-rottot.
- Kemm ser ikun in-noll ta' kull rotta.
- Jiġi mistoqsi jekk hix qed issir konsultazzjoni mal-Ministeru għal Ghawdex jekk il-venda hix ser tibqa' fi Triq Putirjal. Il-Kunsill jaqbel li l-venda, l-parkeġġ, il-grawnd u l-*playing field* jibqghu fejn huma.
- Minn naħħa tal-Mepa, wara li saret laqgħa mas-Sindku, tal-Mepa stess issuggerew li l-Qorti jsir minflok il-grawnd. Il-Kunsill qabel li jitlob il-koperazzjoni tas-sidien ta' The Duke u tal-klabbs tal-futbol sabiex issir l-oġġezzjoni uffiċċjali għal dan.

## 6. Bini mill-ġdid ta' Triq Fortunato Mizzi u Triq ir-Repubblika

Is-Sindku għarraf lill-kunsilliera li kellu laqgħa mal-Perit Walter Portelli mill-ADT rigward il-bini ta Triq l-Imġarr sa Triq ir-Repubblika. Hu ressaq il-pjanti proposti tal-proġett u anke' r-rotta alternattiva waqt li jkun qed isir il-proġett.

Wara li dawn il-pjanti ġew evalwati mill-membri, ġew imqajma dawn il-punti:-

- Għaliex ser titwessa l-bankina quddiem il-każin tal-Banda Leone biex titneħħa l-*bus stop* eżistenti u minflok titpoġġa quddiem il-BOV. Dan bil-konsegwenza li jitneħħa l-*keep clear* ta' quddiem il-bank.

- Għaliex n-naħa l-oħra tal-Villa Rundle ser jitneħħa l-parkeġġ kollu.

- Quddiem il-ħanut Shoe Mark ser issir *bus stop*. Din ser tnaqqas il-parkeġġ peress li hi kbira. Wieħed għandu jżomm f'moħħu r-riforma fit-trasport pubbliku fejn qed jigi suġġerit li l-*buses* li jintużaw ikunu żgħar.

- Il-Kunsill jissuġġerixxi li jsiru *pellican lights* kemm fuq il-*pedestrian crossing* ta' quddiem l-Arkadia u anke' ma dik li ser issir ftit il-fuq minn Triq Viani.

- Il-Kunsill jissuġġerixxi li ssir *pedestrian crossing* f' tarf Triq Ninu Cremona.

- Peress li waqt li jkun qed issir ix-xogħol Triq l-Ewropa ser tintuża bħala triq alternattiva, il-Kunsill jissuġġerixxi li qabel jinbeda x-xogħol, Triq l-Ewropa tinkesa bit-tarmak.

Il-membri qalbu li kopja tal-pjanti jintbgħatu lill-Gozo Tourism Association (GTA), lill-Gozo Business Chamber (GBC) u liż-żewġ soċjetajiet tal-baned Rabtin peress li għandhom il-każin fi Triq ir-Republika. Dawn sabiex iressqu l-veduti tagħhom.

**7. Kommemorazzjoni – Kan. Joe Mejlak**

Il-membri qablu li tintalab l-għajnuna ta' Charles Beżżina u ta' Joe Camilleri sabiex issir serata li fiha ssir kommemorazzjoni lill-Kan. Joe Mejlak li ħalliena ftit ġimgħat ilu. Din biex tiġi mfakkra l-ħidma tiegħu fil-kamp tal-poeżija.

**8. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-

8.1 id-Dipartiment għal Gvern lokali fejn intbagħtu:-
8.1.1 Memo 38/2008 rigward skema dwar proġetti *energy saving*;
8.1.2 Memo 40/2008 dwar *merry-go- rounds* li huma ta' periklu;
8.1.3 Memo 2/2009 rigward kunsilliera responsabbli mill-proġetti sostenibbli fil-lokalita';
8.1.4 Memo 5/2009 dwar skema dwar inizzjattivi sportivi. Il-membri qablu li tiġi sottomessa applikazzjoni sabiex jekk tiġi aċċettata ssir 'Healthy Weekend';
8.1.5 Memo 9/2009 fuq informazzjoni dwar il-Bord tal-Petizzjonijiet;
8.1.6 informazzjoni dwar armar ta'*scaffolding*. Ġie ċċarat regolament dwar permessi li jinħarġu mill-Kunsilli Lokali skond Avviż Legali 119/2002 fejn l-istess Kunsilli Lokali m'għandhomx jitlobu ħlas meta tali *scaffolding* ikun imtella b'mod li ma jikkaġuna ebda' ngombru fuq il-bankina.

8.2 il-MEPA fejn inħareġ il-permess:-
8.2.1 (PA 04303/07) sabiex jitranġa l-piċċ tal-boċċi ta' Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-membri qablu li sakemm jinbeda x-xogħol, titwaqqa l-kamra eżistenti peress li hi perikoluża u anke' l-ħajt li hu mżaqqaq. Dan biex ma jiġix ikkaġunat ebda' inċident;

8.2.3 (PA06172/08) biex isir *bring-in site* fil-parkeġġ ta' l-Isptar Ġenerali t'Għawdex;

8.3 is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, Mario de Marco, rigward korrispondenza li ntbgħatet dwar mozzjoni 120 imressaq mill-kunsillier Marcel Tabone fuq ir-rijabilitazzjoni taż-żona ta' madwar il-venda fi Triq taħt Putirjal. Is-Segretarju Parlamentari jaqbel li din i-żona tiġi rijabilitata u tiġi aktar organiżżata. Dan l-eżerċizzju għandu jinkludi kif ser jitħaddem it-trasport pubbliku kif ukoll jara li jkun hemm spazji pedonali kbar sabiex ikomplu jinġibdu aktar nies lejn il-Belt Victoria. Fuq l-istess materja ntbgaħatet korrispondenza oħra mingħand Joe Schembri li hu l-*Policy Manager* fi ħdan il-Minsteru għall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni. Il-ħsieb ta' dan il-Ministeru hu li jinbeda proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward ir-riforma fit-trasport pubbliku. (Din hekk kif imsemmi f'*item* 4.);

8.4 il-Minsteru għall-Politika Soċjali rigward il-Premju Ħaddiem tas-Sena. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill Għawdxin li jibgħatu l-anzjani tagħhom fid-Day Care Centre f'Għajnsielem ser jinnominaw lid-Day Care Centre għal dan il-premju. Il-membri qablu ma dan;

8.5 id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn il-Kunsill ġie mgħarraf:-
8.5.1 li l-kera tax-xelter ta' Triq id-Dejqa qed tiġi mġedda għall-tlett snin oħra;
8.5.2 jibgħat il-veduti tiegħu rigward applikazzjoni ta' Jason Portelli sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut tiegħu fi Triq Enriko Mizzi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li kollox ikun skond ir-rekwiżiti ta' l-Awtoritajiet konċernati;

8.6 Michael Grech fejn issuġġerixxa li ssir *road hump* fi Triq Francesco Masini. Il-membri qablu li jintalbu l-veduti tar-residenti hekk kif isir is-soltu;

8.7 Victor Vella Muscat li kiteb ktieb li jismu 'Il-Ħajja u l-Ħidma ta' l-Imgħallem Vitor Vella, il-Bennej tas-Santwarju ta' Pinu'. Il-membri qablu li jinxtraw 10 kopji meta dan il-ktieb jiġi ppublikat. Dawn jintużaw waqt il-jiem tal-premjazzjoni fl-iskejjel Rabtin;

8.8 l-Avukat tal-Kunsill, Dott. Georgine Grech fejn tat skrizzjoni kif għandu jagħmel il-Kunsill lil sidien ta' niċċeċ li jaċċettaw li l-Kunsill jirrestawra tali niċċeċ. Dan wara li jkun ġab il-permessi meħtieġa. L-iskrizzjoni turi ċar li wara l-intervent tal-Kunsill in-niċċeċ jibqgħu propjeta' tas-sidien in-kwistjoni;

8.9 Paul Portelli fejn wera li għadu nteressat fil-proposta li kien ressaq l-ewwel darba lill-Kunsill fl-1997 dwar l-introduzzjoni ta' *mini train* fir-Rabat. Il-membri qablu li s-Sur Portelli jiġi mistieden fil-laqgħa li jmiss sabiex jispjega aktar fid-dettall;

8.10 l-S.K.Victoria Wanderers rigward parkeġġ illegali fil-grawnd Leli Farruġia u rigward l-applikazzjoni għall-klabb fi Triq taħt Putirjal. Dwar il-parkeġġ illegali għandhom jitwaħħlu aktar tabelli li juru li ma jistgħux jiġu pparkjati vetturi wara nofs in-nhar u dwar l-applikazzjoni tal-klabb is-Sindku għarraf lill-preżenti li talab lill-MEPA tgħati *brief* dwar l-*area* involuta kemm lill-Kunsill u kemm lill-klabb;

8.11 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn talbu sabiex żewġ fanali li jinsabu fil-bidu ta' Triq Aġius De Soldanis jiġu mtellgħin aktar il-fuq jew issir ċappetta li permezz tagħha dawn ikunu jistgħu jitressqu lejn il-ħajt. Saret din it-talba minħabba l-fatt li għall-ewwel darba id-dimostrazzjoni ta' Santa Marija li ssir fit-13 ta' Awwissu ser tibda tgħaddi minn din it-tirq u l-istatwa ma tkunx tista' tgħaddi jekk dawn il-fanali jibqgħu kif inhuma fil-preżent. Il-membri qalbu li l-Kunsill jgħarraf lill-Enġiniera tad-dawl b'dan;

8.12 Mario Tabone li talab li tineħħa siġra tal-ballut li tinsb f'nofs bankina fi Triq Salvatore Psaila. Din qedgħa eżatt f'nofs id-daħla tal-garaxx tas-Sur Tabone. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni mal-MEPA rigward din it-talba;

8.13 Is-Supratendent Av. Domenic Micallef rigward suġġeriment li tressq minn Joe Grech li jaħdem fuq il- monti ta' Pjazza Indipendenza. Is-Sur Grech talab li jekk familja jużaw bejniethom (eżempju) erba' kaxxi ta' fuq il-monti, dawn ikunu jistgħu jintramaw minn xulxin fl-istess ħin u ma jkunx hemm għalfejn l-erba' okkupanti jkunu kollha fuq il-monti. Ir-risposta ta' l-Av. Micallef hi li l-Avviż Legali 1 ta' l-2006 ma jippermettix li jsir kif qed jiġi suġġerit. Żied ukoll li diffikultajiet partikolari bħal dawn jiġu diskussi mal-Ministru responsabbli. Is-Sur Grech bgħat ittra oħra fejn talab li billi l-mara tiegħu għandha kaxxa fuq il-monti u tieħu ħsieb lill-missiera anzjan, ma tkunx tista' tkun il-ħin kollu fuq il-monti. It-talba hi li l-Kunsill jikkonċedi li f'dawn il-ħinijiet partikolari hu jieħu ħsieb il-kaxxa tiegħu u anke' tal-mara. Il-membri qablu li jsir permess temporanju li jiġġedded kull sena sakemm din tibqa' tieħu ħsieb lill-missierha.

8.14 Manuel Cassar li hu ukoll bejjiegħ tal-monti ta' Pjazza Indipendenza. Dan talab li l-ewwel suġġeriment li ressaq is-Sur Grech, hawn fuq imsemmi, jiġi estiż mhux għall-familjari biss imma anke' għall-persuni li jkunu sħab ma xulxin. Il-membri ma jsibux oġġezzjoni pero' dan dejjem jekk ikun permess mill-awtoritajiet responsabbli. Is-Sur Cassar issuġġerixxa wkoll li jekk kaxxa numru 31 tittieħed din titħalla passaġġ bejn il-kaxxi 29 u 30. Skond is-Sur Cassar dan il-passaġġ hu bżonjuż kemm għall-bejjiegħa tal-monti u kemm għas-sidien tal-ħwienet tax-xorb li għandhom l-imwejjed u s-siġġijiet fil-pjazza. Il-Kunsill jaqbel ukoll li jitħalla dan il-passaġġ;

8.15 Raymond Cassar li għandu l-kaxxa tal-monti numru 17 u tinsab fil-kantuniera faċċata tal-ħanut 'Sopos'. Dan talab li jsir passaġġ u l-kaxxa tiegħu tinżel żewġ piedi l-isfel fuq it-tarmac. Dan minħabba li hu diffiċli li tilħaq il-kaxxa mill-erba' naħħat peress li hemm siġra. Il-membri qablu li qabel isir dan is-Sur Cassar għandu jġib bil-miktub li ma jsibux oġġezzjoni mingħand Joe u Frank Grech li għandhom il-kaxxi tal-monti maġenb tas-Sur Cassar;

8.16 Il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fejn bgħatu kopja tal-minuti tal-laqgħa numru 11 li saret nhar il-25 ta' Novembru 2008. F'dawn il-minuti item 62 tirrigwardja Triq Borġ Geritu fejn ġie mniżżel li "il-Kumitat jixtieq jiddeplora dak li ntqal mil-istess Robert Tabone, Sindku tar-Rabat (Citta' Victoria). Is-Sindku, kif irrekordjat fil-minuti tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq, minn naħa waħda ikkonferma verbalment li l-informazzjoni li ressaqlu l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq dwar Triq Borġ Geritu hija

korretta u minn naħa l-oħra informa lill-Kumitat bil-miktub li ma jħossux li hemm lok għal tibdil minħabba l-oppożizzjoni tar-residenti ta' Triq Borġ Geritu. Fiċ-ċirkustanzi, il-Kumitat talab lis-Sindku sabiex mill-iktar fis possibli jerġa jikkunsidra l-proposta li saritlu mill-Kumitat". Bħala kummenti għall-ittra tal-Kumitat imsemmi, is-Sindku qal li hu tal-mistħija li dan il-Kumitat jikteb bil-mod kif kiteb fil-konfront tiegħu u li se jeżiġi li tintbgħat skuża formali għal dan. Hu kompla billi qal li filwaqt li jikkonferma li fil-laqgħa li kellu magħhom qal li hu personalment ma kellu l-ebda diffikulta' li jaqbel mal-proposta tal-Kumitat dwar l-isem tat-triq partikolari, il-pożizzjoni tiegħu u tal-Kunsill għandha pero' tirrifletti l-ħsieb u l-ideat tar-residenti tiegħu, f'dan il-każ ta' min kien sejjer jiġi milqut minn din id-deċiżjoni. Jekk il-maġġoranza assoluta tar-residenti kienu kontra dan it-tibdil, b'responsabbilita' kemm hu bħala Sindku kif ukoll il-Kunsill kellhom jikkomunikaw tali deċiżjoni lill-Kumitat tat-Toroq. Hu temm jgħid li jekk il-Kumitat tat-Toroq jaħseb li se jintroduċi tibdiliet fl-ismijjiet tat-toroq fir-Rabat b'mod unilaterali, kważi dittatorjali u li dan l-istess Kumitat jasal biex "jiddeplora" l-aġir ta' min qiegħed jippreżenta pożizzjoni komuni ta' komunita' partikolari, allura dan il-Kumitat aħjar jirriżenja *en bloc* għax b'din l-attitudni żgur li ma jista' qatt ikun ta' servizz lis-soċjeta' Għawdxija.

Il-membri qablu li s-Sindku għandu jibgħat bil-miktub il-veduti tal-Kunsill f'dan ir-rigward. Punt ieħor li jirrigwardja lill-Kunsill u hu mniżżel f'dawn l-istess minuti hu l-isem ta' toroq ġodda fir-Rabat. Is-suġġerimenti ta' dan il-kumitat huma li triq ġdida fi Triq Għajn Qatet tissemma Triq Ġużeppi Spiteri (1929/2006) Filantropu. Il-Kunsill qabel. Qabel ukoll mas-suġġeriment tal-Kumitat li triq ġdida fi Triq Wied is-Seqer tissemma Triq Ġorġ Tabone (1841/1916) Fundatur. Il-Kumitat issuġġerixxa wkoll li triq ġdida fi Triq Sette Siugno u Triq Patri Anton Debono SJ tisemma Triq it-23 ta' April jew Triq Lorenzo de Apapis. Il-Kunsill qabel li din ta' l-aħħar tisemma eżatttamnet Triq it-23 ta' April 303. Barra minn hekk il-Kunsill qabel li jiġi suġġerit lil dan il-Kumitat sabiex it-triq li jmiss tisemma Triq Nichelino.

## 9. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

9.1 jinxtara trofew (€46.59) għall-wirja li ssir tal-Gozo Bird Breeders Society;

9.2 jinxtara trofew (€69.88) għall-okkażjoni tat-tberik ta' l-annimali għall-festa ta' San Ġwann Bosco fl-Oratorju;

9.3 jiġġedded il-permess għall-sena ta' *vending machine* tas-*soft drinks* ta' Emanuel Conti fi Triq Sir M'Anġelo Refalo;

9.4 r-*road hump* fi Triq Aniċi ma ssirx peress li l-maġġoranza tar-residenti ma jriduhiex;

9.5 jsiru r-*road markings* f'*area* f'taċ-Ċawla H. E. skond il-pjanti sottomessi mill-Perit;

9.6 jitħallsu €135.40 li jkopru t-trasport tad-delegazzjoni Torka meta kienu hawn għall-proġett rigward is-separazzjoni ta' l-iskart;

9.7 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' Miriam Debono fi Triq Dawwara issir linja safra twila metru. Din skond il-linji gwida ta' l–Awtorita'. It-talba saret peress li bil-vetturi pparkjat ma jkunux jistgħu joħorġu l-karozza mill-garaxx;

9.8 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex mat-tabella tan-*No Entry* ta' Triq Sir Paul Boffa issir tabella oħra *Except Buses*;

9.9 id-draft tal-*bye-law* li ressqet l-Av. Georgene Grech rigward it-tqegħid ta' oġġetti quddiem stabbilimenti intbgħatet lill-Onor. Dott. Jason Azzopardi, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-artijiet pubbliċi. Is-Sindku qal li għadu qiegħed jistenna lis-Segretarju Parlamentari jkellmu lura biex issir laqgħa biex tiġi diskussa din il-*bye law*;

9.10 li l-Kunsill jingħaqad mar-residenti ta' Triq Ninu Cremona sabiex issir oġġezzjoni konġunta fir-rigward tal-bini f'parti mill-Villa Rundle;

9.11 tintbgħat ittra lir-residenti tat-toroq 8 ta' Diċembru u 31 ta' Marzu fejn jintalabu veduti fir-rigward jekk Triq it-8 ta' Diċembru ssirx *one way* jew isiru *double yellow lines* fil-partijiet fejn mhux possibli li tiġi pparkjata vettura u jgħaddu żewġ vetturi fl-istess ħin;

9.12 jiġu approvati l-konitjiet għax-xahar ta' Jannar u Frar 2009 kif anness f'Dokument A.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

9.13 qed jiġi propost mill-MEPA sabiex Triq Wied Żejta u l-*bridge* li hemm fiż-żona jogħlew b'madwar sular biex l-iżvilupp propost mill-privat isir skond dawn il-livelli l-ġodda. Is-Sindku qal li filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex tali triq togħla, pero dan għandu jsir a spejjes ta' l-iżviluppatur konċernat. Il-membri qabblu ma dan is-suġġeriment;

9.14 il-Kunsill għandu jiddiskuti jekk jaqbilx li jittieħed is-sular t'isfel tal-Banca Giuratale minflok is-sular ta' fuq kif inhu fil-preżenti. Dan biex l-uffiċini tal-Kunsill ikunu aċċessibbli minn kulħadd;

9.15 il-proġett LdV li qiegħed isir flimkien ma' ċentru ta' taħriġ post terżjarju Polakk. Is-Sindku nforma lill-Kunsiliera li ħames studenti Polakki li għandhom kemm spiċċaw il-kors ta' studju tagħhom f'livell ta' Masters f'suġġetti differenti se jiġu Għawdex biex jagħmlu *placement* ta' 13-il ġimgħa ma' entita' lokali. Hu qal li filwaqt li l-Kunsill għandu jżomm waħda minnhom, l-oħrajn għandhom jiġu *placed* ma min wera' interess, jiġifieri waħda mal-Gozo Business Chamber, waħda mal-Gozo Tourism Association,

waħda mal-kumpannija FXB u l-oħra mal-kumpannija Caruana & Cini.  Dawn għandhom jasslu Malta fl-1 ta' Marzu.

Il-Laqgħa spiċċat fis-14.30.  Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009 fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |